# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2194

**Kaz Numru 2987 ADeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Brian Bonnici ID 450388M**

**u**

**Island Hotels Group Limited (C19442) u Hospitality Services Company Limited (C27194)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum l-Erbgha 9 ta' Jannar 2013**

## 1. Riferenza

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-28 ta' Dicembru 2011.

## 2. Rapprezentanza

2.1 Brian Bonnici li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukata Alexia Farrugia Zrinzo u mill-Avukat Stefan Zrinzo Azzopardi.

2.2 Il-kumpaniji Island Hotels Group Limited u Hospitality Services Company Limited, li minn issa 'l quddiem ser jissejhu l-kumpaniji intimati, kienu rrapprezentati minn Kenneth Abela u Raphael Cauchi, meghjuna mill-Avukata Veronica Galea Debono.

## 3. Fatti tal-kaz fil-qosor

Nhar id-19.12.05 ir-rikorrent beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata Hospitality Services Company Limited fil-kariga ta *Waiter* fuq kuntratt *part-time* ghal zmien indefinit, u f'Settembru 2007 inhatar fil-kariga ta' *Assistant*

*Controller* fuq bazi *whole-time* ghal zmien indefinit mal-kumpanija intimata Island Hotels Group Limited. Fl-istess zmien, meta kien jaqbez l-erbghin siegha xoghol fil-gimgha, u jkun jahdem mal-kumpanija intimata Hospitality Services Company Limited, kien jithallas minghand din tal-ahhar.

Nhar is-16.10.11 wegga' u kien certifikat ma jiflahx u ma jistax jattendi ghax-xoghol ghal tlitt ijiem mit-tabib tal-kumpanija intimata Island Hotels Group Limited. Wara tlitt ijiem, l-istess tabib irrilaxxalu certifikat miftuh, u rrakkomandalu li jkun invistat minn specjalista. Nhar il-Gimgha 21.10.11 baghat messagg elettroniku lil Paul Tesi li fih kiteb li jekk xi hadd iwasslu bil-karozza setac jidhol ghax-xoghol l-ghada, izda ma jkunx jista' joqghod bil-wieqfa jew bil-qieghda fit-tul. Aktar tard fl-istess jum ghamel kuntatt mal-klinika fejn jahdem l-ispecjalista u nghata appuntament ghall-dak in-nhar wara nofs in-nhar. Aktar tard wara li nghata l-appuntament u qabel ma mar ghall-vista, missieru hadu mieghu fi stazzjoni tal-*fuel* u r-rikorrent hasel ir-roti tal-karozza b'taghmir apposta. Jirrizulta li xi hadd rah bil-wieqfa jahsel il-karozza fl-istazzjoni, u ghamel rapport lil wahda mill-kumpaniji intimati.

Meta r-rapport wasal ghand Raphael Cauchi, dan cempel lir-rikorrent u wara li dan qallu bir-rapport li kellu, ir-rikorrent cahad li hu kien fl-istazzjon imsemmi. Fl-istess jum wara nofs in-nhar mar ghand l-ispecjalista u dan irrakkomandalu jaghmel ezercizzji, izda qallu wkoll li jekk ma jigix 'il quddiem ikun mehtieg li jaghmel MRI u x'aktarx operazzjoni.

Nhar is-Sibt 22.10.11 dahal ghax-xoghol kif kien avza, u waqt laqgha li hu talab ma' Raphael Cauchi ammetta li kien hareg mid-dar meta kien certifikat marid u li kien gideb meta qabel kien cahad ripetutament dwar l-istess suggett. Nhar it-Tnejn 24.10.11 iltaqa' ma' Raphael Cauchi, u ufficjali ohra tal-kumpaniji intimati, u kien mgharraf li ma kienx seta' jkun fdat aktar, u, aktar minn hekk, li kien qieghed jintemmlu l-impjieg. Xi granet wara kien mar ma' missieru jkellem lill-istess ufficjali, izda dawn ma bidlux id-decizjoni taghhom. F'jum iehor, wara laqgha li hu u missieru kellhom ma' Winston J. Zahra, kien offrut kariga alternattiva li kienet tammonta ghal tnaqqis fil-grad, izda hu ma accettax l-offerta li saritlu. Nhar l-24.12.11 kien operat b'success.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Keneth Abela, Raphael Cauchi, Christina Galea, Paul Tesi u Winston J. Zahra xehdu ghall-kumpaniji intimati.

4.2 Emanuel Bonnici xehed ghar-rikorrent u r-rikorrent xehed ghalih innifsu.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Il-kumpaniji intimati esebew:

5.1.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti fi tliet pagni.

5.1.2 Kopja tal-kuntratt tal-impjieg datat 19.12.05 tar-rikorrent fil-kariga ta' *Waiter* fuq bazi *part-time* mal-kumpanija intimata Hospitality Services Company Limited, immarkat Dok. VGD1.

5.1.3 Kopja ta' ftehim ghal tahrig minghajr data mmarkat Dok. VGD1.

5.1.4 Kopja ta' zewg dokumenti dwar is-salarju li kien jithallas lir-rikorrent f'Ottubru 2011 minghand iz-zewg kumpaniji intimati.

5.1.5 Kopja ta' messagg elettroniku datat 03.02.12, li kienu l-komputazzjoni tal-hlasijiet li sarulu mat-temma tal-impieg.

5.2 Ir-rikorrent esebixxa d-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti fi tnax-il pagna li kienu jinkludu sitt dokumenti immarkati, Dok.BB1, Dok.A/B, Dok. C, u Dok. BB2 sa Dok.BB4.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Kenneth Abela,** impjegat fil-kariga ta' *Chief Financial Officer* u *Company Secretary* mal-kumpanija intimata Island Hotels Group Limited, stqarr li l-kumpanija intimata Island Hotels Group Limited hi registrata bhala plc. u li f'Ottubru 2010 kien iltaqa' ma' numru ta' impjegati f'karigi gholja u semma' maghhom l-importanza li jikkonformaw mad-dati stabbiliti biex ikunu konkluzi l-kontijiet kollha tal-kumpanija intimata sal-31.10.11, minhabba li din id-data hi dik tal-gheluq tas-sena finanzjarja. Nhar is-17.10.11 sar jaf li r-rikorrent kien certifikat marid ghal zmien minghajr tmiem. Zied jghid li ma kellux ghalfejn jitkellem mat-tabib dwar ic-certifikazzjoni li ghamel ghaliex kellu fiducja fit-tabib. Wara xi granet kien attenda laqgha ma' kollegi tieghu li matulha r-rikorrent kien mgharraf li minhabba li kienet intilfet il-fiducja fih, il-kumpaniji intimati ddecidew li jtemmulu l-impjieg. Ix-xhud qal li hu qabel mad-decizjoni ghaliex bhalma missieru saqu biex jahsel ir-roti tal-karozza seta' ghamel l-istess biex jattendi ghax-xoghol fi zmien tant krucjali ghall-kumpanija intimata. Wara din il-laqgha saret laqgha ohra li ghaliha attenda wkoll missier ir-rikorrent. F'din il-laqgha l-pozizzjoni tal-kumpaniji intimati baqghet l-istess. Ix-xhud kompla jghid li t-tabib cempillu meta sema' li r-rikorrent kien tkecca biex jghidlu li r-

rikorrent veru kien ma jiflahx. Ix-xhud kompla li ftit granet wara kien attenda laqgha mghajta minn Winston J. Zahra li fiha kien deciz li ssir offerta lir-rikorrent biex jahdem f'kariga alternattiva, izda l-offerta ma ntlaqghetx mir-rikorrent.

6.2 **Brian Bonnici**, ir-rikorrent stqarr li beda jahdem mal-kumpanija intimata Island Hotels Group Limited fl-2007, fil-kariga ta' *part-time Waiter,* u fl-2009 fil-kariga ta' *Cost Controller* fuq bazi *whole-time* ghal zmien minghajr terminu. Ix-xhud ghamel spjega dettaljata ta' fiex kien jikkonsisti xoghlu. Ix-xhud kompla li mal-kumpanija intimata Hospitality Services Company Limited kien jaghmel xoghol relatat ma' funzjonijiet, bhalma huwa xoghol ta' *set-up,* u kien jithallas minghand din il-kumpanija. Nhar il-Hadd 16.10.11 wegga' siequ u l-ghada ma setax jattendi ghax-xoghol, irrapporta li ma jifhalx, u fl-istess jum ezaminah it-tabib tal-kumpanija intimata li gharrfu li kien qieghed jissuspetta li kellu *cartilage,* kundizzjoni li setghet twasslu ghal operazzjoni. Nhar il-Hamis 20.10.11 rega' cempel u rrapporta li baqa' ma jistax jattendi ghax-xoghol, u din id-darba l-istess tabib irrakkomandalu li jara specjalista u fl-istess waqt irrilaxxalu certifikat minghajr terminu. Il-Gimgha 21.10.11 fil-ghodu cempel il-poliklinika fejn l-ispecjalista jara l-pazjenti, u nghata appuntament ghall-istess jum wara nofs in-nhar. Fl-istess waqt baghat messagg elettroniku lil Paul Tesi biex jghidlu li s-Sibt 22.10.11 kien ser jidhol ghal xi hin jekk isib min iwasslu u li x'aktarx kien ser jibda jidhol mit-Tnejn 24.10.11, pero' ma jkunx jista' jaghmel xoghol strapazzanti. Qabel mar ghand l-ispecjalista missieru saqu biex marru fi stazzjon tal-*fuel* biex jahsel ir-roti tal-karozza. Fl-istess jum aktar tard cempillu Raphael Cauchi u staqsieh jekk kienx hareg mid-dar u hu cahad ripetutament li ghamel hekk. Meta ezaminah l-ispecjalista dan irrakkomandalu biex jaghmel xi ezercizzji biex jipprova jevita operazzjoni u fl-istess waqt ghamillu appuntament ghal MRI. Nhar is-Sibt 22.10.11 dahal, kif kien avza, u ammetta ma' Raphael Cauchi li kien hareg mid-dar u mar ma' missieru biex jahsel ir-roti tal-karozza. It-Tnejn 24.10.11 rega' dahal ghax-xoghol u kien mgharraf li l-kumpaniji intimati kienu temmewlu l-impieg. Xi jiem wara kien attenda ma' missieru u tkellmu mal-istess erbgha min-nies li kienu gharrfuh bit-temma tal-impjieg, izda dawn baqghu tal-istess fehma. Ix-xhud kompla li ftit tal-jiem wara hu u missieru kienu ltaqghu ma' Winston J. Zahra u dan offrielu kariga alternattiva li kienet anqas fil-grad minn dik li kellu, u minhabba z-zmien li ha biex wasal fejn wasal, hu ma riedx jaghmel pass lura, u ma accettax. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi qal li bejn Jannar u Marzu 2012 hadem *part-time* b'paga anqas milli kellu mal-kumpanija intimata u f'Marzu beda jahdem ma' kumpanija ohra fuq bazi *whole-time* izda b'paga anqas minn dik li kellu.

6.3 **Emanuel Bonnici**, missier ir-rikorrent, ikkonferma li waqt li kien certifikat ma jiflahx f'Ottubru 2011, ibnu dejjem kien id-dar, u nhar il-

Gimgha 21.10.11 hu kien saq il-karozza biex garr lil ibnu Brian mid-dar sal-istazzjon tal-*fuel* biex jahsel ir-roti tal-karozza. Zied jghid li meta s-Sibt u t-Tnejn ta' wara ibnu dahal ghax-xoghol kien gie ghalih xi hadd kollega tieghu.

6.4 **Raphael Cauchi,** impjegat fil-kariga ta' *Chief Operations Officer* mal-kumpanija intimata Island Hotels Group Limited, stqarr li xoghlu jinkludi l-amministrazzjoni tal-impjegati mal-kumpanija Island Caterers fejn ir-rikorrent kien impjegat fil-kariga ta' *Assistant Cost Controller.* F'din il-kariga r-rikorrent jikkontrolla l-hazna ta' materjal u ghodda, kif ukoll il-produzzjoni tal-ikel, flimkien ma' spezzjoni regolari ta' *cashboards*. Zied jghid li nhar it-Tnejn 17.10.11 ir-rikorrent cempel u rrapporta li ma jiflahx u t-tabib tal-kumpanija invistah, iccertifikah ghal tlitt ijiem u rreferieh ghand specjalista. Ix-xhud ikkonferma li safejn kien jaf hu hadd ma tkellem mat-tabib dwar ir-raguni ghac-cerifikazzjoni ghaliex ma kienx hemm dubju dwar l-incident. Din l-assenza tar-rikorrent kienet vicin il-31.10.11, id-data tal-gheluq tas-sena finanzjarja u konsegwentement holqot pressjoni akbar fuq il-kumplament tal-impjegati li jippartecipaw fl-gheluq tal-kontijet. Nhar il-Gimgha 21.10.11 Stephanie Azzopardi qaltlu li xi hadd ra lir-rikorrent jahsel il-karrozza b'taghmir apposta fi stazzjoni tal-*fuel*. Ftit tal-hin wara hu cempel lir-rikorrent u wara li gharrfu b'dak li sema' r-rikorrent cahad ripetutament li kien hareg mid-dar. Ghadda ftit tal-hin u x-xhud kien muri ritratt li fil-fehma tieghu kien juri lir-rikorrent bil-wieqfa jahsel il-karozza. Ix-xhud rega' cempel lir-rikorrent u gharrfu b'dak li kien ra, u r-rikorrent rega' cahad li kien hu. Wara t-telefonata mar-rikorrent baghat messagg elettroniku lil tliet Ufficjali tal-kumpaniji intimati u kompla xoghlu. Nhar is-Sibt 22.10.11 ir-rikorrent dahal ghax-xoghol u talab biex ikellmu. Meta ltaqghu ir-rikorrent ammetta mieghu li hu kien hareg u mar jahsel ir-roti tal-karozza u skuza ruhu li kien gidiblu qabel. Nhar it-Tnejn ix-xhud iltaqa' ma' Kenneth Abela u Christine Galea flimkien, u ftiehmu li minhabba n-natura tax-xoghol tar-rikorrent, u l-fatt li l-ufficjali kienu tilfu l-fiducja fir-rikorrent, ma setghux ihalluh ikompli f'xoghlu. Fl-istess waqt fasslu ittra biex jintemmlu l-impieg. Wara baghtu ghar-rikorrent li rega' ammetta li ma kienx qal il-veritac dwar l-akkuza li kien mar jahsel il-karozza meta kien certifikat li ma jiflahx, u immedjatament tawh l-ittra tat-temma tal-impjieg. F'xi jum wara vicin din il-laqgha, ix-xhud flimkien mal-istess zewg ufficjali, Kenneth Abela u Christine Galea, iltaqghu ma' missier ir-rikorrent flimkien ma' ibnu, spjegaw ir-ragunijiet ghall-azzjoni taghhom u tennew li ma kinux lesti jibdlu d-decizjoni. Xi granet wara, fuq talba ta' Emanuel Bonnici saret laqgha ma' Winston J. Zahra li ghaliha attenda wkoll ir-rikorrent li matulha kienet diskussa l-possibilta li r-rikorrent jinzamm fl-impjieg u jkun offrut kariga alternattiva. Winston J. Zahra talab zmien biex jirrifletti. Id-diskussjoni interna fuq is-suggett kompliet u ntlahaq ftehim bejn l-ufficjali li r-

rikorrent ikun offrut il-kariga ta' *Barman.* Saret l-offerta lir-rikorrent, izda dan ma accettax.

6.5 **Christine Galea**, impjegata fil-kariga ta' Direttrici ghar-Rizorsi Umani mal-kumpanija intimata Island Hotels Group Limited, stqarret li nhar is-Sibt 22 jew it-Tnejn 24.10.11 Raphael Cauchi gharrafha bid-dettalji li kellu dwar l-incident in kwistjoni u stedinha ghal laqgha biex jiddiskutu l-kaz tar-rikorrent. Saret laqgha li ghaliha attendew ukoll Kenneth Abela u Raphael Cauchi, u kkonkludew li minhabba li l-kariga li kellu r-rikorrent kienet wahda ta' fiducja, ma setghux ikomplu jafdawh, u konsegwentement kellu jintemmlu l-impjieg. Ix-xhud stqarret li kieku r-rikorrent ammetta l-htija mill-ewwel, kieku l-kastig kien ikun limitat ghal twiddiba. Wara saret laqgha li ghaliha, minbarra Kenneth Abela u Raphael Cauchi, attendew ir-rikorrent u missieru. Matul din il-laqgha r-rikorrent ammetta li kien hareg mid-dar meta kien certifikat marid, u mar ma' missieru jahsel ir-roti tal-karozza. Waqt din il-laqgha missier ir-rikorrent talab f'isem ibnu biex tinbidel id-decizjoni. L-ufficjali tal-kumpanija intimata Island Hotels Group Limited spjegaw ir-raguni ghad-decizjoni taghhom u temmew jghidu li ma setghux jibdlu d-decizjoni taghhom. Ziedet tghid li fl-imghoddi r-rikorrent kien iffirma kuntratt ghal tahrig, u li minhabba d-decizjoni tat-temma tal-impjieg ir-rikorrent kien ser ikollu jhallas lura xi flus, izda dan il-hlas ma ntalabx lura mill-kumpanija intimata.

6.6 **Paul Tesi**, impjegat fil-kariga ta' *Group Cost Controller* mal-Island Hotels Group Limited allokat il-Bay Point, stqarr li r-rikkorent kien jirrapporta lejh ghax-xoghol li kien jaghmel, u xoghlu kien li jiehu hsieb il-hazniet tax-xorb, ikel, stazzjonerija, oggetti tal-ghazel u ohrajn tal-kumpanija Island Caterers, eskluzi flus kontanti, izda jinkludi x-xoghol relatat ma' sorveljanza tal-uzu ta' *cash registers*. Din il-kariga kienet wahda ta' natura klerikali, izda ta' fiducja. Ix-xhud spjega li meta r-rikorrent korra, dan sehh fiz-zmien meta kien vicin l-ahhar ta' Ottubru 2011, li hi d-data tal-gheluq tas-sena finanzjarja tal-Grupp meta kulhadd ikun maghfus biex ilahhaq jaghlaq il-kontijiet. Meta r-rikorrent weggh', u minhabba li dam hamest ijiem ma jidhol ghax-xoghol li matulhom tkellem kuljum mar-rikorrent, ix-xoghol tieghu kellhom jaghmluh impjegati ohra. Ix-xhud kompla li r-rikorrent irrapporta l-incident lilu, qallu li ma setax jimxi u li kien kostrett joqghod fis-sodda. Biex jimxi kien ibati u temm jghidlu li kien immobbli. Aktar tard matul il-gimgha r-rikorrent kien qallu li seta' jidhol ghax-xoghol jekk joqghod jahdem bil-qieghda. F'xi jum Kenneth Abela kien urieh ritratt li fih ir-rikorrent kien jidher jahsel il-karozza, u aktar tard sar jaf li r-rikorrent kien tkecca mill-impjieg.

6.7 **Winston J. Zahra** impjegat mal-kumpanija intimata Island Hotels Group Limited fil-kariga ta' *Chief Executive Officer*, stqarr li lir-rikorrent

kien jafu ghaliex kien impjegat mal-istess kumpanija intimata fil-kariga ta' *Assistant Cost Controller,* u wkoll ghaliex mhux talli r-rikorrent ma kienx impjegat problematiku, izda ghaliex tant kien juri interess fix-xoghol li xi ftit taz-zmien qabel l-incident kien rebah premju ghall-mod kif kien jaqdi dmirijietu. Ix-xhud ghamel spjega tax-xoghol tal-kariga tar-rikorrent. Ix-xhud kompla li minhabba li f'Ottubru jibdew jinghalqu l-kontijiet tas-sena finanzjarja li taghlaq fl-istess xahar, ikun hemm pressjoni ta' xoghol f'certi dipartimenti, li jinkludu fejn kien jahdem ir-rikorrent. Kien ghalhekk, u wkoll minhabba c-cirkustanzi tal-kaz, li meta r-rikorrent kien certifikat li wegga' minghajr data ta' meta kien ser jirritorna ghax-xoghol hu kien mgharraf b'kollox. Ix-xhud kompla jispjega d-dettalji tal-kaz li jirrigwardaw dak li sehh wara li sar maghruf li r-rikorrent kien hareg jahsel il-karozza meta kien ghadu certifikat, inkluz dak kollu li kien intqal waqt laqghat li kien hemm bejn ufficjali tal-kumpanija intimata, u wkoll dak li ntqal waqt laqgha ohra meta attenda wkoll missier ir-rikorrent. Wara xi granet cempillu r-rikorrent u talbu biex jitkellem mieghu. Meta saret il-laqgha mar-rikorrent u ma'missieru, it-tnejn li huma ammettew il-fatti kif kienu, u talbuh jibdel id-decizjoni ta' tkeccija ghal wahda li tassigura t-tkomplija tal-impjieg tar-rikorrent. Waqt laqgha ma' ufficjali tal-kumpaniji intimati kien hemm qbil li r-rikorrent ma setax jinghata l-istess xoghol minhabba li kienet intilfet il-fiducja fih, u kkonkludew li joffru l-kariga alternattiva ta' Barman. Meta saret l-offerta lir-rikorrent din raha bhala tnaqqis fil-grad u stqarr li ma xtaqx li jinzel fil-grad. Minkejja li kien spjegat lilhom li kien qieghed isir hekk ghaliex kien mehtieg li terga' tinbena l-fiducja, ir-rikorrent ma accettax l-offerta, ghaddielu xi cwievet u l-laqgha ntemmet.

## *7.* Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukata Veronica Galea Debono f'isem il-kumpaniji intimati:

7.1.1 Argumentat li:

- Mhux kontestat li r-rikorrent kien jaqdi dmirijietu tajjeb.
- Mhux kontestat li r-rikorrent kien wegga' u li kien certifikat mit-tabib tal-kumpaniji intimati li ma setax jattendi ghax-xoghol.
- Il-fatti tal-kaz mhumiex kontestati mid-difiza.
- L-assenza tar-rikorrent mix-xoghol holqot problemi ghall-kumpaniji intimati u ghall-impjegati kollha li kellhom jaghmlu tajjeb biex ilahhqu jaghlqu l-kontijiet saz-zmien preskritt.

- Meta kien iffaccjat bil-provi rigwardanti l-hrug tieghu mid-dar biex jahsel ir-roti tal-karozza, hu cahad ripetutament li kien ghamel hekk.

- Minhabba l-agir tieghu l-Ufficjali tal-kumpaniji intimtati tilfu l-fiducja li kellhom fih.

- Wara l-appell li ghamel biex ma jitlifx l-impjieg, il-Kap Ezekuttiv Ewlieni tal-kumpanija intimati offrielu alternattiva u hu ma accettahiex.

- Il-fiducja mehtiega li jkompli fil-qadi ta' dmirijietu fil-kariga ta' *Assistant Cost Controller* kienet fundamentali, u l-kastig ta' twiddiba u/jew sospensjoni ma jaghmilx sens.

7.1.2 Talbet biex fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddikjara li r-rikorrent tkecca ghal raguni gusta u sufficjenti skont il-ligi.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Stefan Zrinzo Azzopardi f'isem ir-rikorrent:

7.2.1 Argumenta li:

- Il-pern ewlieni tad-difiza hu jekk it-temma tal-impjieg kinitx konsonanti man-natura u mal-gravita tal-akkuza.

- Il-hrug mid-dar waqt certifikazzjoni ta' mard m'ghandux awtomatikament iwassal ghat-temma tal-impjieg.

- Ix-xoghol ta' kontroll tal-hazniet tal-kumpaniji intimati ma kienx jibda u jispicca ghand ir-rikorrent. Jirrizulta li kien hemm min jissorveljah f'xoghlu. Konsegwentement l-enfasi rigwardanti l-fiducja mehtiega fil-qadi ta' dmirijietu ma kellhiex tassumi l-importanza li nghatat mill-Ufficjali tal-kumpaniji intimati.

- Ir-rikorrent ma kellux storja ta' azzjonijiet dixxiplinarji kontrih. Dan kien l-ewwel nuqqas tieghu, u ma kienx jisthoqqlu l-kastig li nghata.

- Ghalkemm hu minnu li r-rikorrent kien certifikat ma jiflahx ma jfissirx li ma setax johrog mid-dar.

7.2.2 Fid-dawl ta' dan kollu talab lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-l-kumpaniji intimati temmew l-impjieg tar-rikorrent minghajr

raguni gusta u bizzejjed skond il-ligi, u konsegwentement ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens skont il-ligi.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Il-pern ta' dan il-kaz jistrieh fuq liema cirkustanzi sehhet it-temma tal-impjieg. Cioe, jekk it-temma tal-impjieg sehhitx bis-sahha tal-ittra datata 23.10.11 immarkata, Dok. C, esebita mir-rikorrent mad-dikjarazzjoni tal-kaz, jew sehhitx aktar tard wara li r-rikorrent irrifjuta l-offerta li jahdem fil-kariga ta' *Barman*.

8.2 L-ufficjali kollha li xehdu ghall-kumpaniji intimati stqarru li kemm minhabba l-fatt li r-rikorrent hareg mid-dar u mar jahsel ir-roti tal-karozza meta kien certifikat li ma jiflahx, kif ukoll minhabba li hu cahad ripetutament li ghamel hekk meta kien ikkonfrontat bil-possibilita ta' prova kuntrarja, huma kienu tilfu l-fiducja fih. Ziedu jghidu li dan it-telfien ta' fiducja ma kienx jippermettilhom li jkomplu jafdawh fix-xoghol li kien jaghmel ta' *Assistant Cost Controller*, u konsegwentement kienu kostretti li jtemmulu l-impjieg. L-ittra datata 23.10.11 tal-kumpanija intimata Island Hotels Group Limited, immarkata Dok. C annessa mad-dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrent, tikkonferma dan kollu.

8.3 Fl-ahhar paragrafu f'pagna 3, u fit-tieni paragrafu f'pagna 4 tal-istqarrija tar-rikorrent esebita mir-rikorrent mad-dikjarazzjoni tal-kaz immarkata Dok. BB1, hemm miktuba l-frazijiet sic."l-ittra tat-*terminatio*n ser tibqa' tghodd", u sic. "li ma kienx lest li jdahhalni lura fl-impjieg". Dawn iz-zewg frazijiet huma attribwiti lil Raphael Cauchi u Winston J. Zahra rispettivament. Dawn iz-zewg frazijiet ma kinux kontestati mill-kumpaniji intimati. Minn dan jirrizulta li t-temma tal-impjieg sehhet ghar-ragunijiet li ssemmew fl-ittra datata 23.10.11 tal-kumpanija intimata Island Hotels Group Limited.

8.4 Minn dan kollu jsegwi li l-offerta li saret minn zewg ufficjali tal-kumpaniji intimati ghal impjieg fil-kariga ta' *Barman* kienet ghal impjieg mill-gdid. Dan huwa konstatat mill-fatt li l-kumpaniji intimati ma hargu ebda dokument iehor rigwardanti t-temma tal-impjieg wara l-ittra datata 23.10.11. Konsegwentement it-Tribunal Industrijali, konformi mat-termini ta' riferenza, ser jillimita l-kunsiderazzjonijiet tieghu ghad-decizjoni tat-temma tal-impjieg, u mhux ser jikkonsidra c-cirkustanzi rigwardanti l-offerta ta' Raphael Cauchi, ripetuta minn Winston J. Zahra ghal impjieg mill-gdid fil-kariga ta' Barman.

8.5 Is-sub artiklu 36 (14) *(b)* tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li biex itemm impjieg "Principal ma jistax igib bhala raguni tajba u bizzejjed - hlief fil-kaz ta' impjegat domestiku privat,- illi l-impjegat ma jgawdix izjed il-fiducja tal-Principal". Fid-dawl ta' dan is-sub artiklu, u l-

fatt li r-rikorrent ma kellux kariga ta' "impjegat domestiku privat", it-Tribunal Industrijali ma jistax jiehu konjizzjoni tal-argument li ghamlu l-kumpaniji intimati ta' nuqqas ta' fiducja fir-rikorrent biex intemmlu l-impjieg. Izda t-Tribunal Industrijali ser jikkonsidra c-cirkustanzi kollha u l-gravita o meno tal-kumplament tal-akkuza li ghamlu l-kumpaniji intimati, flimkien mal-argumenti l-ohra relatati.

8.6 Mhux kontestat li r-rikorrent kien korra kif certifikat mit-tabib tal-kumpaniji intimati, u li kellu bzonn mistrieh. Konsegwentement kellu dritt li jaghmel uzu mill-*leave* bil-hlas ghall-mard. Izda l-uzu ta' *leave* ghal mard igib mieghu obbligi fuq l-impjegat, li jinkludu dak li waqt iz-zmien certifikat, ir-rikorrent ma jaghmel xejn li jzid ir-riskju li jtawwal l-assenza tieghu mix-xoghol. B'dak li ghamel ir-rikorrent wara d-9.50 ta' fil-ghodu tal-Gimgha 21.10.11, ir-rikorrent zied ir-riskju li jtawwal iz-zmien tal-mard li ma jidholx lura ghax-xoghol. Dan kien nuqqas li, flimkien mar-rezistenza li wera' biex ikun pront jghid il-verita', ikkontribwixxa ghat-temma tal-impjieg. Waqt laqgha mal-Kap Ezekuttiv Ewlieni, ir-rikorrent ammetta l-htija u hu stess issuggerixxa li jinghata sospensjoni minnflok tkeccija biex izomm l-impjieg mal-istess kumpaniji intimati. Dawn iz-zewg nuqqasijiet tar-rikorrent, imnezzghin mill-argument ta' telf ta' fiducja, u kkunsidrati fid-dawl tal-kondotta tal-impjegat matul l-impjieg tieghu, jiggustifikaw xi forma ta' azzjoni dixxiplinarja, izda ma jammontawx ghal raguni sufficjenti ghal temma ta' impjieg.

**9. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijal, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jaqta' u jiddeciedi li:

9.1 It-temma tal-impjieg tar-rikorrent ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi.

9.2 Il-kumpaniji intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' Hames Telef Sebgha Mija u Sebagha u Tletin Ewro u Hdax-il Centezmu (€5,737.11) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir sa nhar it-28 ta' Frar 2013.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il Centezmu (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**